

Brussell, 27 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13980/23

CDR 160

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Renju tal-Belġju, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tal-4 ta' Lulju 2023¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat li abbażi tiegħu s-Sur Pascal SMET, membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 11533/23.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u bl-għan li timtela l-pożizzjoni vakanti, il-Gvern Belġjan ippropona² lis-Sur Pascal SMET, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoral i ta' awtorità reġjonali, *Lid van het Brussels Hoofdstedelijk Parlement* (Membru tal-Parlament tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 13975/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

² 13767/23.